## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 7 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1617/00 AJD*

Carmel Cardona

vs

William u Anna Camenzuli

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn l-attur ippremetta li permezz ta' tlett ittri datati 28 ta' Frar, 2000, 27 ta'; Marzu, 2000 u 28 ta' Gunju, 2000, huwa nterpella lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm48.58). Illi din is-somma tirrapprezenta hlas ta' appogg ipprattikat mill-konvenuti ma' propjeta' ta' l-attur u li s'issa din is-somma ta' tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm48.58) ghadha ma thallsitx mill-konvenuti. Illi l-fond propjeta' ta' l-attur, u cioe', 18, Alvin, Triq is-Sewwieqa, Hamrun hu mibni precedentement ghall-fond tal-konvenuti. Illi, in oltre, l-attur qed ukoll jinterpella l-konvenuti sabiex inehhu travu li l-konvenuti niffdu ghall-gnien propjeta' ta' l-attur. Ghaldaqstant l-attur talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm48.58) bl-imghax u bl-ispejjez u jnehhu t-travu mniffed fil-propjeta' ta' l-attur.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fejn dawn ikkontestaw it-talba ghas-segwenti ragunijiet:-

Fl-ewwel lok, dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti 'ratione materiae' kif provdut fl-Artikolu 3 (5) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-tieni lok u preliminarjement, l-attur ghandu jgib prova illi huwa l-uniku

propjetarju tal-fond in kwistjoni u li m'hemmx kompropjetarji ohra ta' dan il-fond billi altrimenti l-gudizzju mhuwiex integru.
Fit-tielet lok u minghajr pregudizju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur u t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ra li fis-16 ta' Dicembru, 2000, il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsidra:
Illi l-konvenuti qed jeccepixxu l-inkompetenza tat-Tribunal 'ratione materiae' u dan ai termini tal-Artikolu 3 (5) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

"Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar propjeta' ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli ghad li t-talba ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin lira Maltija, u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni imobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal".

Illi l-konvenuti jsostnu li d-dritt li wiehed jitlob il-hlas ta' appogg huwa dritt reali mghaqqad ma' l-immobbli u ghalhekk japplika l-Artikolu 3 (5) sucitat.

Illi l-atturi min-naha l-ohra jsostnu li d-dritt ghall-hlas ta' appogg huwa dritt personali u ghalhekk huwa kreditu u konsegwentement m'huwiex eskluz mill-Artikolu 3 (5) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta u f'dan ir-rigward ghamlu riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-12 ta' Jannar, 1996, fl-ismijiet 'John Grech vs Saviour Abela'. Illi t-Tribunal jirritjeni li s-sentenza citata m'hijiex rilevanti ghall-kaz odjern stante li bl-ebda mod ma titratta l-punt dwar il-kompetenza ratione materiae sollevat mill-konvenuti fil-kaz in ezami.

Illi jekk wiehed jezamina l-Artikoli 407 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed facilment jikkonkludi li d-dritt li wiehed jitlob il-hlas tal-appogg huwa dritt strettament mghaqqad mal-immobbli u precizament mal-hajt divizorju u huwa definittivament dritt reali.

Illi t-Tribunal ghalhekk jirritjeni li ai termini tal-Artikolu 3 (5) tal-Kapitolu 380

tal-Ligijiet ta' Malta huwa m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi dwar it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u jiddikjara li l-kwistjoni m'hijiex ta' kompetenza tieghu.  L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR